

Brussell, 9 ta' Frar 2024
(OR. en, de)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0092(COD)

6159/24
ADD 1

CODEC 286
CONSOM 49
MI 122
COMPET 123
ENER 52
ENV 127
SUSTDEV 21
DIGIT 35

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi 2005/29/KE u 2011/83/UE fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni mtejbja kontra prattiki żleali u permezz ta' informazzjoni aħjar (I-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni għall-minuti mill-Awstrija

L-Awstrija tista' taċċetta dan il-kompromess.

Ta' min jinnota li l-emenda għad-Direttiva 2005/29/KE dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali fil-futur ser tipprojbixxi prattiki assoċjati ma' asserzjonijiet ambjentali qarrieqa u tikketti ta' sostenibbiltà li mhumiex iċċertifikati jew li ma ġewx stabbiliti minn awtorità pubblika.

Fil-kuntest tal-adozzjoni tad-Direttiva inkwistjoni, l-Awstrija tirrimarka li hemm duplikazzjonijiet sinifikanti mal-proposta għal Direttiva dwar l-Asserzjonijiet Ekoloġiċi¹, li qed tiġi nnegozjata b'mod parallel. Għad hemm bżonn ta' simplifikazzjoni u razzjonalizzazzjoni sinifikanti f'dak ir-rigward. Barra minn hekk, l-Awstrija jiddispjaċiha għall-fatt li l-Kummissjoni Ewropea għadha ma ppreżentatx valutazzjoni tal-impatt ġdida minkejja diversi talbiet f'dan ir-rigward, peress li s-sitwazzjoni bażi issa nbidlet u għandu jittieħed kont tal-prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar.

Dikjarazzjoni tar-Repubblika Slovakka

Ir-Repubblika Slovakka tappoġġa l-oġġettivi tal-proposta, li huma li tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur u li l-konsumaturi jingħataw is-setgħa għat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika. Madankollu, il-ftehim finali jintroduċi bosta obbligi ġodda fuq il-kummerċjanti mingħajr benefiċċji adegwati għall-protezzjoni tal-konsumatur.

Is-Slovakkja tilqa' u tappoġġa l-inizjattivi kollha li għandhom l-għan li jipprovdu informazzjoni aktar ċara u aktar komprensiva għall-konsumaturi sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata sew dwar ix-xiri. Il-ftehim finali jintroduċi rekwiżit ġdid ta' informazzjoni skont id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur, li permezz tiegħu l-kummerċjanti, bl-użu ta' format grafiku armonizzat, huma obbligati jinfurmaw lill-konsumaturi dwar l-eżistenza u d-dettalji ta' garanzija kummerċjali, jekk rilevanti, u dwar il-garanzija legali applikabbli. Is-Slovakkja tqis li dan l-obbligu huwa sproporzjonat u hija tal-fehma li tali informazzjoni tista' tiġi pprovduta lill-konsumaturi b'mod inqas oneruż.

¹ COM(2023) 166 finali

Is-Slovakkja temmen li l-emendi introdotti fl-Anness għad-Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali jmorru kontra l-filosofija tad-Direttiva, li suppost tistabilixxi qafas ġenerali għad-determinazzjoni ta' prattiki inġusti ta' kummerċjanti. Il-ftehim finali jintroduċi diversi dispożizzjonijiet speċifiċi, li jnaqqu n-natura ġenerali tad-Direttiva, u b'hekk idgħajfu l-applikazzjoni tagħha bħala qafas legali ġenerali. Barra minn hekk, l-emendi fl-Anness tad-Direttiva jkopru prattiki, li għalihom ir-responsabbiltà taqa' fuq il-produtturi u huma, b'mod ġenerali, lil hinn mill-kontroll tal-kummerċjanti. Il-ftehim finali ma għandux l-hekk imsejjaħ "*element suġġettiv*" li jillimita r-responsabbiltajiet tal-kummerċjanti għal każijiet fejn jistgħu jkunu raġonevolment mistennija li jaġixxu in mala fede. L-"*element suġġettiv*", li ġie introdott fil-mandat tal-Kunsill, tħassar matul in-negożjati mal-Parlament Ewropew.

Barra minn hekk, il-ftehim finali fih diversi dispożizzjonijiet oħra li mhumiex ċari, mhux ser jikkontribwixxu għal implimentazzjoni xierqa tad-direttivi u jistgħu potenzjalment iwasslu għal aktar frammentazzjoni tas-Suq Intern.

Għar-raġunijiet deskritti, ir-Repubblika Slovakkja ser tastjeni milli tivvota dwar il-proposta għal Direttiva fir-rigward tal-għoti tas-setgħa lill-konsumaturi għat-tranżizzjoni ekoloġika permezz ta' protezzjoni aħjar kontra prattiki inġusti u informazzjoni aħjar.